Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 56/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**MASSIMO GILIBERTI.**

**Illum 3 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Massimo Giliberti, ta' 20 sena, iben Salvino u Maria Dolores nee' Arapa, imwieled fit-22 ta' Lulju 1982, Pieta' u joqghod 67, Triq Sant Anglu Sliema, detentur tal-Karta ta' l-Identita' 401382 M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta' Lulju 2002, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi;

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Stephen Gatt, PS 78 Joseph Cremona, PS 909 Paul Buhagiar, PS 245 Keith Arnoud u PC 52 Emanuel Agius, inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra l-Ispettur Stephen Gatt, PS 78 Joseph Cremona, PS 909 Paul Buhagiar, PS 245 Keith Arnoud u PC 52 Emanuel Agius, persuni inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordna moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. Bil-qerq, holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u kif ukoll iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd weggha bil-kliem, b’gesti jew mod iehor lill-Ispettur Stephen Gatt, PS 78, PS 909, PS 245 u PC 52;

5. Talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;

6. Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. Talli fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f’dagha jew ghamel att jew gesti oxxeni;

8. Kif ukoll talli ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-Ispettur Gatt, PS 78, PS 909, PS 245 u PC 52, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom,billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor.

Wara illi rat l-Artikoli 95, 96, 97, 110, 252, 338(m), 338(dd), 338(bb), 342 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputati hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-

zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta' l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------